

**IT-TIELET AGGRAVJU TA' ILLEGALITÀ:** l-appellanti jsostnu li s-sentenza appellata, fil-parti fejn (punti 50 u 51) eskludiet il-preżenza ta' falsità fl-ittra tad-29 ta' Mejju 2000, hija vvizzjata bi żball ta' interpretazzjoni ta' din l-ittra kif ukoll b' żnaturament tal-fatti u għandha tkun annullata, u li għandha tkun miċħuda anke fil-mertu l-kontrotalba tal-Kummissjoni intiża sabiex titneħħa mit-test tar-rikorsi l-akkuża, imressqa mir-rikorrenti, li l-Kummissjoni wettqet falz ideoloġiku meta fformulat l-ittra tad-29 ta' Mejju 2000 b'mod li jinsinwa li kienu l-awtoritajiet Taljani li lanqas biss semmew, fil-laqgħa tas-16 ta' Mejju 2000, l-eżistenza tal-impriżi li jaqgħu taħt il-kategorija tat-tielet proċedura ta' sejħa għal offerti.

---

**Appell ippreżzentat fit-23 ta' Frar 2009 minn Volker Mergel, Klaus Kampfenkel, Burkart Bill u Andreas Herden, konsulenti fis-settur tal-privattivi, mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża T-335/07, Volker Mergel et vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-80/09 P)

(2009/C 90/29)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Volker Mergel, Klaus Kampfenkel, Burkart Bill, Andreas Herden. (rappreżentant: G.P. Friderichs, avukat)

Il-parti l-oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Diċembru 2008, Kawża T-335/07-33, innotifikata lir-rikorrenti b'faks fit-18 ta' Diċembru 2008;
- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-appellat tal-25 ta' Ġunju 2007 (Każ R 299/2007-4);
- tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Is-suġġett ta' din il-kawża huwa l-kwistjoni jekk it-terminu "Patentconsult" huwiex tali li jiġi protett bħala trade mark għal servizzi fil-klassijiet 35, 41 u 42. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li t-terminu "Patentconsult" huwa indikazzjoni li tiddeskrivi b'mod dirett u konkret is-servizzi msemmija.

Insostenn tal-appell tagħhom l-appellant jsostnu interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 40/94.

Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellant jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza kklassifikat b'mod żbaljat it-trade mark inkwistjoni bħala neoloġiżmu li ma għandu ebda differenza rilevanti meta mqabbel mas-sempliċi għaqda tal-elementi deskrittivi kollha. Il-Qorti tal-Prim'Istanza mmotivat in-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark inkwistjoni billi qieset li t-trade mark "Patentconsult" issegwi struttura abitwali ta' ismijiet li jixxiebhu bħalma huma "patent consulting" jew "patent consultancy". Din il-klassifikazzjoni madankollu hija żbaljata sa fejn it-terminu "Patentconsult", għall-kuntrarju, ma jsegwix l-istruttura abitwali, li hija grammatikalment korretta, iżda jmur lil hinn minn dan u jikkostitwxi neoloġiżmu li muhiwiex abitwali u li għandu differenza sostanzjalı meta mqabbel mas-sempliċi għaqda tal-elementi "patent" u "consult".

Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellant jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta kkonstatat li t-trade mark "Patentconsult" kellha karattru eskluziżiavement deskrittiv. Hija kkunsidrat li għall-finijiet tal-karattru distintiv huwa irrilevanti jekk termini oħra jistgħux jintużaw għas-servizzi protetti. Minna l-oħra, l-appellant jiġi li għandu jiġi użat terminu differenti minn "Patentconsult" sabiex ikun jiġi invokat ir-rekiżi ta' disponibbli. It-terminu "Patentconsult", li huwa grammatikalment żbaljat, muhiwiex adegwaw għal dan il-għan.

Fl-aħħar nett, permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellant jsostnu li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta ma kkunsidratx bħala rilevanti d-deċiżjoni preċedenti adottata mill-appellat dwar it-trade mark "Netmeeting" u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward it-trade mark "Baby-dry", Kawża C-383/99 P. Skont l-aħħar sentenza ċċitata, bidla ċara fil-formulazzjoni meta mqabbli mat-terminoloġija użata fil-lingwa normalment użata fost il-kategorija ta' konsumaturi inkwistjoni sabiex jiġi identifikat servizz hija adegwata sabiex tistabbilixxi l-karattru distintiv neċċessarju. Din il-ġurisprudenza għandha tigħi rriġġistert sabiex tigħi għarġi tħalli l-kontenit u l-affidabbiltà tad-deċiżjonijiet tal-qarri Komunitarji.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Regeringsrätten fis-26 ta' Frar 2009 – X vs Skatteverket**

(Kawża C-84/09)

(2009/C 90/30)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

### Qorti tar-rinviju

Regeringsrätten (L-Iżvejja)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: X.

Konvenut: Skatteverket.

## Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 138 u 20 tad-Direttiva dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-trasport li jibda mit-territorju tal-Istat tal-oriġini għandu jkun beda f-terminalu ta' żmien partikolari sabiex il-bejgħ ikun eżentat mit-taxxa u sabiex akkwist intra-Komunitarju jkun jista' jitqies bħala eżistenti?
- 2) Bl-istess mod, l-artikoli msemmija għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-trasport għandu jkun tlesta fl-Istat tal-wasla f-terminalu ta' żmien partikolari sabiex il-bejgħ ikun eżentat mit-taxxa u sabiex akkwist intra-Komunitarju jkun jista' jitqies bħala eżistenti?
- 3) Ir-risposta għad domandi 1 u 2 tkun differenti meta l-merkanzija akkwistata tkun mezz ta' trasport ġdid u meta x-xerrej ikun individwu li, b'mod definitiv, ikollu l-intenzjoni li juża l-mezz ta' trasport fi Stat Membru partikolari?
- 4) Liema mument għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, f'każ ta' akkwist intra-Komunitarju, sabiex jiġi evalwat jekk mezz ta' trasport huwiex ġdid skont l-Artikolu 2(2)(b) tad-direttiva?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006 (ĠU L 347, p. 1).

Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġett tal-konsum u garanziji assoċjati magħħom<sup>(1)</sup> għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jippreklu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdli li, fil-każ li l-bejjiegħ irendi l-oġġett konformi mal-kuntratt, huwa m'għandux ibati l-ispejjeż sabiex jitneħħa l-oġġett ipprovdut minflok dak oriġinali fkawża li fiha l-konsumatur wettaq l-istallazzjoni tal-oġġett mhux fkonformità mal-kuntratt skont in-natura u l-użu intiż tal-oġġett, meta l-istallazzjoni ma kinitx orīginarjament dovuta skont il-kuntratt?

- 2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) u (3) tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li fil-każ li l-bejjiegħ irendi l-oġġett konformi mal-kuntratt, huwa m'għandux ibati l-ispejjeż sabiex jitneħħa l-oġġett ipprovdut minflok dak oriġinali fkawża li fiha l-konsumatur wettaq l-istallazzjoni tal-oġġett mhux fkonformità mal-kuntratt skont in-natura u l-użu intiż tal-oġġett?

<sup>(1)</sup> Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġett tal-konsum u garanziji assoċjati magħħom (ĠU, L 171, p. 12).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Schorndorf (il-Ġermanja) fit-2 ta' Marzu 2009 – Ingrid Putz vs Medianess Electronics GmbH

(Kawża C-87/09)

(2009/C 90/31)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinvju

Amtsgericht Schorndorf

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ingrid Putz

Konvenut: Medianess Electronics GmbH

## Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta'

Appell ippreżzentat fit-3 ta' Marzu 2009 minn General Química, S.A., Repsol Química, S.A., Repsol YPF, S.A. mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża T-85/06, General Química et vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-90/09 P)

(2009/C 90/32)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

## Partijiet

Appellant: General Química, S.A., Repsol Química, S.A., Repsol YPF, S.A. (rappresentanti: J.M. Jiménez-Laiglesia Oñate u J. Jiménez-Laiglesia Oñate, abogados)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

## Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża T-85/06 sa fejn tihċad il-motiv ta' annullament ibbaż fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni u n-nuqqas ta' motivazzjoni li jikkonċerna r-responsabbiltà *in solidum* tar-rikorrenti;